MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 158/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Neil Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Neil Attard [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 34784 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Settembru 2012 sa Novembru 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Maria Buhagiar u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ April, 2013, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ erba` mija u hamsin Ewro (€450) fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ April, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, billi minflok issibu hati ghall-akkuza migjuba kontrih, tilliberah minnha, u fi kwalunkwe kaz tirriduci l-piena moghtija ghal wahda ekwa u aktar gusta tenut kont tac-cirkostanzi kollha li jimmeritaw konsiderazzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Sede Qorti tal-Farnilja) li nghatat kontra l-appellant hija nulla u bla effett, u huwa nstab hati minghajr ma kien hemm indikat l-artikolu li jikkontempla r-reat, liema indikazzjoni hija neccessarja ghall-validita tas-sentenza. Illi f’dan ir-rigward l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi meta tinghata sentenza ghandu jigi ndikat l-artikolu li jikkontempla r-reat. Illi l-ewwel Qorti naqset milli tindika l-istess artikolu, liema nuqqas iwassal ghan-nullita’ tas-sentenza appellata, stante li jammonta ghal-nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali kontemplata fl-istess artikolu.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jissottometti, illi bir-ripsett kollu l-

Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament xieraq tal-provi prodotti.

Il-kazistika nostrana dejjem sahhqet illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma’ tiddistubrax il-provi ta’ l-Ewwel Qorti gialadarba dawn il-provi jkunu sufficjenti sabiex l-Ewwel Qorti tasal ghal-konkluzjoni li seghtet ragonevolment u legalment tkun waslet ghaliha. Issir referenza fir-rigward ta’ dan fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fi-ismijiet Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi fejn jigi mtenni illi:

“….. din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjon taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li lewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiema ma setghetx ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha allura din tkun raguni valida jekk mhux ghad-direttura impellanti sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni u kankluzzjoni (ara fost ohrajn ‘Il-Pulizija vs Raymond Psaila et’ 12 ta’ Mejju 1994);

Illi l-provi hekk kif prodotti mill-prosekuzzjoni kienu konfliggenti ghaliex filwaqt illi l-affidavits prezenta jsiru referenzi ghall-faft li l-appellant naqas li jforni l-manteniment ‘hekk kif deciz mill-Onor. Dott Anna Felice LL.D numru ta’ digriet 1134/09 data 11 ta’ Mejju, 2010’, tali digriet ma jirrizulta mkien mill-provi prodotti mill-istess prosekuzzjoni. Illi dan il-konflitt iqajjem dubju ragonevoli dwar jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha ossia l-htija tar-rikorrent skond l-att ta’ l-akkuza. Huwa fatt risaput illi l-indizji biex jaghmlu prova jehtieg illi jkunu univoci, fatt illi f’dan il-kaz ma giex osservat ghaliex it-tlett affidavits prezentati mill-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghall-digriet li ma giex prezentat jew fil-verita lanqas biss jezisti. Bir-rispett kollu, l-appellant jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ma seghtatx ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha ghaliex l-appellant ma seghtax jinsab hati fuq provi prodofti li minnhom infushom kienu kunfliggenti.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena hija wahda ezegerata, u dan peress illi l-appellant huwa bniedem ta’ fedina penali netta, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt, illi l-akkuzi migjuba kontrieh mhux ta’ natura gravi u serja. hi l-appellant safa minghajr xoghol (fatt konfermat mill-istess parte civile) u fir-realta qed jistenna l-ezitu ghar-rikors li huwa ghamel f’dan ir-ngward sabiex l-Onorabbli Qorti tal-Familja tkun tista’ tiehu in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni tieghu. Minkejja dan huwa kien lest illi, minghajr pregudizzju, jhallas mitejn Ewro (€200) akkont ta dak dovut, izda l-parte civile ghazlet li ma taccettax dawn il-flus, meta dawn kienu intenzjonati sabiex l-ahjar interess ta’ binthom ikun salvagwardjat. Mela l-animu tal-parte civile ma kienx wiehed verament ta’ necessita ghall-hlas tal-manteniment imma kien aktar intiz biex timpika mall-appellant u tarah, jekk jista jkun jintbaghat il-habs. Dan ma huwiex xi haga posittiva anke fir-rigward tat-trobbija u l-interessi tal-minuri ta’ liema l-appellant jibqa l-missier.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Jirrizulta li kien dovut il-manteniment ghall-tliet xhur indikati.

Dan il-manteniment thallas fil-Qorti u l-Qorti fehmet is-sitwazzjoni li kien ghaddej minnha l-appellant.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tl-Magistrati fl-ismijiet premessi fit-3 t’April, 2013 billi tikkonfermaha fejn sabet htija dwar l-imputazzjoni u qed tirriformaha f’dik il-parti fejn imponiet piena ta’ xahar prigunerija u minflok qed tikkundanna lill-appellant ihallas ammenda komplessiva ghal tliet xhur li tammonta ghal €75 tithallas fi zmien xaharejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------